MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2010

Numru 377/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**John M. Magro**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni kontra John M. Magro (bin Emanuel u Lilian nee Cauchi, imwieled fl-20 ta' Awwissu 1955, detentur tal-karta tal-identita` nru 50955G) bhala direttur ta' Magro Marketing Ltd., talli fid-29 ta' Awwissu 1995 u qabel din id-data naqas li jizgura li fuq il-post tax-xoghol responsabbilta` tieghu jittiehdu l-mizuri u l-prekawzjonijiet kollha biex (a) kull post tax-xoghol ikun hieles minn kull perikolu ghas-sahha u s-sigurta`, (b) naqas li jipprevjeni kull disgrazzji, korrimenti u mard industrijali, (c) naqas li jassigura li l-ambjent tax-xoghol ikun favorevoli ghas-sahha u hieles minn dak li jikkaguna tensjoni fizika jew psikologika, (d) naqas li jizgura b'mod

prattiku u ragjonevoli, is-sahha, skansar u hsieb generali fuq ix-xoghol tal-impjegati kollha tieghu, (e) naqas li jara fejn hemm il-perikoli li jkollhom x'jaqsmu ma' xi process tax-xoghol jew ma' xi sustanzi, (f) naqas li jaghti dak it-taghrif, taghlim, tahrig u supervizjoni biex jevita l-perikoli fuq il-post tax-xoghol, (g) naqas li jzomm il-post tax-xoghol taht kontroll sew biex dan jinzamm f'kundizzjoni fejn ma jkunx hemm perikolu u riskji ghas-sahha u li jipprovdi u jzomm sew moghdijiet ta' dhul u hrug mill-post li jkun minghajr perikolu u minghajr riskji ghas-sahha – liema nuqqasijiet wasslu ghall-korriment fuq ix-xoghol ta' Mario Philip Galea fid-29 ta' Awwissu 1994, u (h) naqas li jgharraf lid-Direttur tax-Xoghol bil-korriment ta' Mario Philip Galea; u dan, skond ic-citazzjoni, "bi ksur tal-artikolu *(sic!)* 2, 8 u 18 u paragrafi 49 u 61 tal-A.L. 52/96";

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-5 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi John M. Magro hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tliet elef euro (€3,000);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi John M. Magro, minnu pprezentat fid-19 ta' Dicembru 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**5.** Jibda biex jinghad li dan hu ezempju ta' kif kawza sommarja m'ghandhiex titmexxa quddiem il-Qorti tal-Magistrati. L-incident tax-xoghol li fih suppost li wegga' Mario Philip Galea sehh (skond ic-citazzjoni) fid-29 ta' Awwissu 1994. Ic-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva harget fil-15 ta' Ottubru 1995, bl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Inferjuri skedata ghall-15 ta' Frar 1996. Minkejja li fuq il-komparixxi il-prosekuzzjoni indikat sitt xhieda (Mario Philip Galea, Edward Hughes, Marghani Shori Shamir, John Mary Zammit, Lawrence Darmanin u rapprezentant ta' dak li kien id-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni (D.L.E.)) – li allura hu numru ezigwu li l-Qorti Inferjuri setghet facilment tisma' hija stess – fl-udjenza tat-3 ta'

Lulju 1996 dik il-qorti, kontra kull prassi tajba f’kawzi sommarji, innominat perit legali (avukat) u perit tekniku (arkitett u inginier civili) “bis-soliti fakultajiet” (ara fol. 4) – espressjoni li ma tfisser assolutament xejn, ghax il-periti, fejn verament hemm bzonnhom, ghandhom dejjem jinghataw struzzjonijiet cari dwar x’ghandhom jaghmlu jew ma jaghmlux (ara l-Artikolu 650(5) tal-Kap. 9), u specjalment ghandhom jinghataw “iz-zmien li fih ghandhom jaghmlu r-rapport taghhom”. Fil-kaz odjern, minn dan kollu ma sar xejn, u man-nomina ta’ dawn iz-zewg periti il-kaz jista’ jinghad li mar fil-bir tas-skieken, bis-seduti quddiem l-imsemmija periti ma jistghux isiru daqqa ghal raguni u daqqa ghal ohra. Fl-udjenza tat-13 ta’ Jannar 1999 il-Qorti tal-Magistrati ssostitwiet il-perit legali li kien gie nominat b’avukat iehor. Segwew ruxxamata seduti quddiem il-Qorti Inferjuri li fihom prattikament ma sar xejn utili. Kien biss fl-udjenza tat-22 ta’ Novembru 2006 – tnax-il sena wara l-allegat incident – li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) awtorizzat lill-perit tekniku biex jipprezenta r-relazzjoni wahdu, cioe` minghajr il-perit legali. Din ir-relazzjoni giet prezentata u mahlufa sena wara, u precizament fl-udjenza tat-28 ta’ Novembru 2007.

**6.** Minn din ir-relazzjoni tal-AIC Alan Saliba jirrizulta li f’dan iz-zmien kollu kullma sar minnu kien li (1) zamm access fuq il-post tal-allegat incident kwazi tliet snin wara l-istess incident, u precizament fl-4 ta’ Gunju 1997 u (2) li f’din id-data (4/6/1997) instema’ wkoll ix-xhud Noel Cachia in rapprezentanza tad-D.L.E. (ara fol. 23, 129 u 137). Ebda xhud iehor – anqas Mario Philip Galea – ma jirrizulta li nstema’ f’dan il-kaz, la mill-perit tekniku u anqas direttament mill-Qorti Inferjuri.

**7.** Il-kaz kollu tal-prosekuzzjoni f’din il-kawza hu, ghalhekk, mibni, ghal dak li jirrigwarda l-incident, fuq id-deposizzjoni ta’ tmien linji ta’ dan Noel Cachia, li l-ewwel darba li mar fuq il-post tal-allegat incident kien fit-12 ta’ Ottubru 1994 – ftit aktar minn xahar u nofs wara s-suppost incident – u dan bazikament jirrelata dak li qallu Mario Philip Galea – kaz ta’ xiehda fuq kliem haddiehor, ossia *hearsay*, per eccellenza! Huwa minnu li dan Cachia ezebixxa quddiem il-perit tekniku dikjarazzjoni maghmula

minn Galea lill-istess Cachia, izda din id-dikjarazzjoni qatt ma giet konfermata bil-gurament mill-imsemmi Galea u ghalhekk ma taghmel prova ta' xejn. Fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 2008 quddiem il-Qorti Inferjuri xehed l-imputat Magro, pero` d-deposizzjoni tieghu ma gietx traskritta minn dik il-qorti, u quddiem din il-Qorti, cioe` quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, l-imsemmi Magro ghazel, kif kellu kull dritt li jaghmel, li ma jixhedx (ara l-verbal a fol. 180). Ma ngabet obda prova li Galea kien impjegat ma' Magro Marketing Ltd.

**8.** Din il-Qorti ma tistax tifhem kif a bazi tad-deposizzjoni ta' Noel Cachia – li parti minnha hija *hearsay* – l-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment issib htija fl-imputat, illum appellant. Id-dinamika tal-incident hi bbazata fuq semplici kongetturi maghmula mill-Perit Saliba ta' kif probabbilment sehh l-incident. U dan hu, fir-realta`, l-ilment principali tal-appellant u cioe` li quddiem il-Qorti Inferjuri ma ngabux, f'dawn is-snin kollha li damet ghaddejja l-kawza, provi sodisfacenti – ghalkemm ghandu jinghad ukoll li parti sostanzjali mid-dewmien f'dan il-kaz kienet dovuta wkoll ghan-nuqqas ta' attendenza tal-imputat ghas-seduti li kienu jiffissaw il-periti.

**9.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant John M. Magro minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------